MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1658/1997/1

**Assco Group Limited**

**Vs**

**Joe Chetcuti bhala artikolista u Frans Ghirxi bhala editur tal-gurnal "L-Orizzont"**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-konvenuti premettew illi taw malafama lis-socjeta' attrici u gew attribwiti lilha fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu a tenur tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' artikolu "Nghidu Kelma kull hmistax ..", subtitolat "(1) Allegazzjonijiet ta' korruzzjoni" li deher fil-

harga ta’ nhar it-Tlieta 17 ta’ Gunju, 1997 ta’ “L-Orizzont”, miktub mill-konvenut Joe Chetcuti ;

Premess illi l-artikolu de quo jattribwixxi inter alia fatti llegali, impropji u li mhux minnhom lill-atturi privi minn verita’ bil-konsegwenza li kkawza malafama;

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-artikolu intestat “Allegazzjonijiet ta’ Korruzzjoni “ li deher fil-harga tal-gazzetta “L-Orizzont” tas-17 ta’ Gunju, 1997 jikkostitwixxi malafama u gew attribwiti lilu fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu a tenur tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

2. tillikwida d-danni ikkawzati mill-konvenuti lill-attur ;

3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta’ attrici d-danni hekk likwidati ;

4. taghti kull rimedju iehor opportun skond il-Ligi ;

Bl-ispejjez u bir-rizerva ta’ kull dritt fil-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Frans Ghrixi** a fol. 13 tal-process fejn eccepixxa:

1. In-nullita’ tal-Avviz ghas-smiegh billi dan jirreferi ghal kawza inezistenti.
2. Fil-mertu, l-esponent semplicement offra spazju lil kontributur regolari u b’ebda mod m’ghamel tieghu dak li ntqal minn dan. Wara kollox fil-kitba hemm biss espressjoni ta’ opinjoni (fuq oggett ta’ interess pubbliku) li hu permess li ssir f’socjeta’ demokratika.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat **in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Joe Chetcuti** a fol 15 fejn eccepixxa :

1. Illi bl-artikolu in kwistjoni l-eccipjent ma ta ebda malafama lis-socjeta attrici u l-kontenut ta' l-artikolu 'de quo' jikkostitwixxi 'fair comment'.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saru ebda noti;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONTESTAZZJONI**

L-atturi qed joggezzjonaw ghall artikolu "Nghidu Kelma kull hmistax ..", subtitolat "(1) Allegazzjonijiet ta' korruzzjoni" li deher fil-harga ta' nhar it-Tlieta 17 ta' Gunju, 1997 ta' "L-Orizzont", miktub mill-konvenut Joe Chetcuti dok A. fol 6.

L-atturi qed isostnu li dan l-artikolu kien bazat fuq allegazzjonijiet infondati u fabbrikazzjoni ta' fatti li kellhom riperkussjonijiet gravi u kontinwi fuq l-istess socjeta' u l-attivita' li hija tisvolgi.

Skond l-atturi l-artikolist qed jghid li huma kumpanija ta' tibjid u tikhil (li mhux minnu kompletament) li ma jimpjegawx nies, u li ma kien jixraqilhom li jiehdu l-kuntratt. Huma jsostnu li l-artikolist kien ra l-file taghhom li kien *confidential*.

Minn naha l-ohra l-konvenut Chetcuti qed jissottometti li fl-artikolu tieghu li hu kkummenta fuq kwistjoni li kienet ta' natura pubblika; fuq fatti kif inhuma.

Hu sostna li s-socjeta’ attrici ma kelliex esperjenza fil-xoghol li applikat ghalih billi l-kumpanija kienet ilha biss registrata mill 25/11/1996 u mal-ETC kellha biss zewg persuni registrati bhala mpjegati taghha cjoe z-zewg diretturi tal-kumpanija.

Fil-dawl ta’ dawn iz-zewg fatturi hu jhoss li kellu dritt jikkummenta li s-socjeta’ attrici ma kelliex f’dak il-mument l-esperjenza u r-rizorsi umani necessarji biex tkun tista’ tiehu dak il-kuntratt.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Biex tirnexxi l-eccezzjoni ta' *fair comment* din irid ikollha bhala l-bazi ta' kull kritika u kumment,  li l-fatti jkunu sostanzjalment veri.

“F’materja ta’ ngurja bl-istampa ghandha issir distinzjoni bejn “allegation of fact” u dak li huwa “comment”. Biex tirnexxi d-difiza tal-verita` tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-‘comment’ biex ikun gustifikat irid ikun “fair and bona fide”, u ma jistax ikun “fair u bona fide” jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru” **(“Reginald Miller vs Harold Scory”** - XXXVI.iv.843.).

Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-‘fair comment’, “jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi id-difiza tal-‘justification’ u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista’ jkun hemm ‘fair comment’ (**“Anglu Camilleri vs Anthony Zammit”** Vol.XI.IV.1195; **“Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit”** JSP.  Citazz. Nru. 929/90/JSP - 3 ta’ Ottubru 1991).

**Tikkunsidra**

Fil-kaz in ezami jirrizulta li meta l-konvenut ikkummenta fuq dana l-kaz fl-Orizzont, l-attenzjoni tal-pubbliku kienet diga ingibdet minhabba rapporti li deheru fil-media Nazzjonalista fejn allegaw li fil-kuntratt tas-sigurta’ tal PBS,  l-affarijiet ma sarux kif suppost u li seta’ kien hemm

lok ta’ abbuz. Il-gazzetta nazzjonalista kienet irrappurtat (ara fol 70 et seq) li l-atturi kienu qed jippretendu li l-kuntratt ma kienx inghata bil *fair* u li kellhom jiehduh huma. Skond il-konvenut il-kulur politiku kien inghata mill-media Nazzjonalista u mhux minnu. Anzi fil-gazzetti kien gie rappurtat li kienu l-istess atturi li kienu qalu fl-ittra taghhom li li baghtu lill Prim Ministru li “we make part of the Labour Party” (fol 73).

Il-konvenut semma fl-artikolu tieghu li s-socjeta’ attrici ma kelliex esperjenza fil-xoghol li applikat ghalih billi l-kumpanija kienet ilha biss registrata mill 25/11/1996. Fil-fatt irrizulta mill-provi li s-socjeta’ attrici kienet giet registrata fid-data imsemmija u dan huwa accettat mill-atturi u kif jirrizulta anke mir-rapporti fil-gazzetti. Dan jikkonferma li kif qal il-konvenut s-socjeta’ attrici ma tantx setghet kellha esperjenza fix-xoghol li applikat ghalih f’dak it-terminu qasir.

Il-konvenut kiteb ukoll li mal-ETC is-socjeta’ attrici kellha biss zewg persuni registrati bhala impjegati taghha cjoe iz-zewg diretturi tal-kumpanija. L-atturi ma cahdux dana; imma qalu biss li ma jiftakrux kemm kellhom. Bartolo xehed dwar iz-zmien li mhux dak meta tefghu l-offerta’ ghal PBS imma wara.

Il-konvenut kiteb ukoll li l-atturi ma kellhomx riferenzi. Fil-fatt l-atturi ma cahdux dana. Qalu biss li ma jiftakrux, u pprezentaw certifikati li huma datati wara li saret dina l-offerta’ u ghalhekk zgur li ma setghux gew prezentati f’dik l-okkazzjoni.

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-fatti li fuqhom hu bazat l-artikolu li kiteb il-konvenut Chetcuti huma sostanzjalment veri u ghalhekk hu kien intitolat li jikkumenta fuq dina l-materja ta’ interess pubbliku. Il-kummenti li huwa ghamel fuq dawn il-fatti huma *fair* u li wiehed jistenna li bniedem ragjonevoli jista’ jaghmel u konkluzzjonijiet li jista’ jasal ghalihom.

Kwantu ghall eccezzjoni ta’ Frans Ghirxi dan kien semplicement qed joffri spazju lil kontributur tal-gazzetta u

fil-kitba hemm espressjoni ta’ opinjoni fuq oggett ta’ interess pubbliku li hu permess li ssir f’socjeta’ demokratika.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti
u tichad it-talba attrici
bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------